**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXVII**
**Appell Nru: 91/2000**

**Il-Pulizija (Seduta tas-Sanita')**

**Vs**

**EMANUELA TONNA**

**Illum, 9 ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Emanuela Tonna giet akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta'Awwissu, 1999, fis-6.30 a.m., f' "Biswit Pembroke Self Service", Patri Indri' Vella Street, Pembroke, (**1**) naqset li zzomm il-halib u prodotti ohra tal-halib (8 crates halib, 1 crate skimmed milk, 1 crate banana flavoured milk, u 2.5 crates yoghurt) fil-gradazzjoni ta' temperatura permessa, kif ukoll (**2**) qeghdet l-ikel (2 crates hobz tal-Malti) b'tali mod li jinvolvi xi riskju ta'kontaminazzjoni.

Rat is-sentenza moghtija fis-17 ta'April, 2000, mill-fuq imsemmija Qorti li biha sabet lill-Emanuela Tonna hatja ta' dawn l-akkuzi w ikkundannatha Hamsin Lira Maltin Multa (Lm50).

Rat ir-rikors t'appell ta'Emanuela Tonna datat 18 ta'April, 2000, li bih talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha mill-akkuzi kollha migjuba kontriha.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Semghet lix-xhieda prodotti.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti, l-atti processwali, kif ukoll in-Nota ta'Riferenza ta' l-appellanti datata 23 ta'Novembru, 2000.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-qosor il-fatti ta'dan il-kaz huma li l-appellanti ghandha l-hanut imsemmi fl-akkuza minn fejn tbiegh hobz, halib u prodotti tal-halib, fost affarijiet ohra. Irrizulta li d-distributur tal-halib, u dak li jissupplixxiha bil-hobz, fil-gurnata msemmija fl-akkuza, kienu hallew il-prodotti taghhom barra fl-art hdejn dan il-

hanut kmieni filghodu meta l-appellanti ma kienetx ghadha fethet. Ma hemm ebda dubju li dawn il-prodotti nsatbu hemmhekk kif xehed l-Ispettur Sanitarju. Ma hemm ebdu dubju ukoll li min jiggestixxi hanut bhal dak ta' l-appellanti ghandu l-obbligu li jara li prodotti bhal dawn ma jithallewx barra, dan peress li gja' la darba hawnhekk qedin fil-kamp tal-kontravvenzjonijiet, il-licensee tal-hanut jibqa' kriminalment reponsabbli ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' dak il-hanut.

Pero, din ir-regola generali ma tapplikax meta jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-licensee kien fl-impossibilita' assoluta li jissorvelja dak li jkun gara, f'liema kaz il-licensee jinheles minn din ir-responsabbilta' tieghu (*ara Appell Kriminali Il-Pulizija –vs- Saviour Vincent Lofaro, deciz minn din il-Qorti fl-14 ta'Gunju, 1982*).

Hu ferm ovvju, ghalhekk, li meta saret din il-konsenja tal-hobz, halib u prodotti tal-halib kmieni filghodu fil-jum in kwistjoni, l-appellant ma setghetx fizikament tpoggi dawn il-prodotti gewwa l-hanut taghha ghaliex dan kien ghadu maghluq u hi ma kienetx hemmhekk fil-hin tal-konsenja.

Kif gie deciz minn din l-istess Qorti b'sentenza taghha fl-*Appell Kriminali 12/2000 fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Joseph Sciberras' fis-26 ta'Mejju, 2000*, l-appellenti, fic-cirkostanzi ta'dan il-kaz, ma tistghax tinstab kriminalment responsabbli ghall-eghmil ta'haddiehor, cioe' ta' xi haga li ma ghamlitx hi w li ma kelliex kontroll fuqha.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li l-Qorti qed takkolji l-aggravju ta' l-appellanti, qed tilqa l-appell taghha, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjaraha mhux hatja ta' l-akkuzi dedotti kontriha w tilliberaha minnhom.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur